



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 3.12.2013
C(2013) 8311 final

Għażiż Mr Speaker,

Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha rigward il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti {COM(2013) 265 finali}.

Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjonijiet magħmula mill-Kamra tad-Deputati u tixtieq tirreaġixxi billi tippreżenta l-punti li ġejjin b'mod partikolari fejn jidħol l-iffinanzjar tal-kontrolli uffiċjali:

Id-dejta disponibbli mill-Istati Membri li bħalissa jitolbu tariffi għal kontrolli uffiċjali turi li meta dawn jintalbu mill-operaturi kollha suġġetti għall-kontrolli, l-ammonti rispettivi jirrappreżentaw frazzjoni pjuttost negliġibbli tal-kosti tal-produzzjoni. Il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jkunu abilitati li jirkupraw il-kosti sabiex ikun hemm garanzija ta' riżorsi suffiċjenti għall-kontrolli uffiċjali trid tiġi bbilanċjata u ppiżata kontra l-ħtieġa li jiġnaqas il-piż fuq negozji żgħar ħafna, f'konformità mal-politika l-għdida tal-Kummissjoni dwar "It-tnaqqis tal-piż regolatorju fuq Impriżi Żgħar u Medji – Nadattaw ir-Regolamentazzjoni tal-UE għall-ħtiġijiet tal-Mikroimpriżi". Skont dik il-politika, daww in-negozji għandhom fil-prinċipju jiġu esklużi mill-piżijiet regolatorji, sakemm ma tkunx tista' tingħata prova tan-neċessità u tal-proporzjonalità tal-kopertura tagħhom.

Il-Kummissjoni tqis li filwaqt li eżenzjoni awtomatika tal-impriżi kollha żgħar u medji mill-applikazzjoni tat-tariffi tkun ta' ħsara għall-għan ta' politika li tiġi żgurata s-sostenibbiltà għat-tul tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll, tal-anqas l-iżgħar impriżi (il-mikroimpriżi) għandhom ikunu eżenti mill-applikazzjoni tat-tariffi sabiex jiġi żgurat li l-kompetittività tagħhom ma tintlaqatx ħażin.


L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw, fuq livell lokali, it-tariffi li għandhom jintalbu għal attivitajiet ta' kontroll uffiċjali, abbażi tal-kriterji rilevanti kif imfissra fir-Regolament il-għdid propost.

*L-Onor. Anġlu FARRUGIA
Speaker tal-
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
MT – VALLETTA CMR 2000*

Meta wieħed iqis dawn il-punti kollha, il-proposta għandha l-għan li tippreżenta approċ li jistabbilixxi sistema sostenibbli li tkun ġusta għan-negozji kollha filwaqt li fl-istess ħin tevita li tkun ta' piż żejjed fuq l-iżgħar operatori fl-UE.

Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw il-preokkupazzjonijiet imqajma mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tkompli bid-djalogu politiku għall-quddiem.

Dejjem tagħkom,



*Maroš Šefčovič
Il-Viċi President*